**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 t'Ottubru 2020**

**Talba Nru: 138/20 CZ**

**Iana Simeonova Blundell**
**vs.**

**Karl Blundell**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici mressqa fl-1 ta' Lulju 2020 li biha premettiet illi:

1. Peress illi l-kontendenti ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali li ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja u li jgbu n-numru 312/18 JPG;
2. Peress illi fil-mori tal-medjazzjoni inghataw diversi digrieti permezz ta' liema l-konvenut gie ordnat ihallas manteniment u sehmu mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-bint Kaya Blundell;

3. Peress illi minkejja diversi interpellanzi (ittra legali annessa), il-konvenut dejjem ghazel li ma jhallasx sehmu mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-bint;

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi dana t-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elf, wiehed u sittin Euro u sitta u disghin centezmu (€1,061.96) bl-ispejjez kollha, u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi, sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra illi l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta;

Ra illi fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2020 xehdet l-attrici li ddikjarat li l-konvenut ghadu ma hallas xejn mill-ammont li hija talbet fil-kawza odjerna, filwaqt li pprezentat id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 17 t'Awwissu 2018.

Ra illi fis-seduta tas-7 t'Ottubru 2020 l-attrici prezentat ir-ricevuti li minnhom tnisslet it-talba ghal hlas odjerna, filwaqt li ddikjarat mill-gdid illi l-konvenut ghadu ma hallashiex.

Ra illi l-attrici talbet li l-kawza tithalla ghas-sentenza, u ra li l-kawza giet posposta ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza l-attrici qed titlob minghand il-konvenut il-hlas ta' elf, wiehed u sittin Euro u sitta u disghin centezmu (€1,061.96) ghal sehmu mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-bint, u dan wara digriet li ordnalu jhallas nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-17 t'Awwissu 2018.

Illi l-attrici xehdet illi baqghet ma thallsitx minkejja li talbet il-hlasijiet relattivi lill-konvenut.

It-Tribunal ra wkoll ir-ricevuti esebiti mill-istess attrici li jindikaw in-nefqa li fuqha qed tibbaza t-talba taghha.

Illi l-konvenut ma kkontestax il-kawza u lanqas ma prezenta risposta, u wara li sema' x-xiehda fuq imsemmija u ra d-dokumenti esebiti, it-Tribunal jikkunsidra li t-talba tal-attrici hija gustifikata.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-attrici u jordna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' elf, wiehed u sittin Euro u sitta u disghin centezmu (€1,061.96), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv. L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur